MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2010

Rikors Numru. 29/2007/1

**Raymond Hili f'ismu proprju u f'isem u ghan-nom ta' Josephine Hili, Joseph Hili, Maria Antonia sive Nina Hili, Angiolina Hili, Eucharist Hili, Maria Dolores sive Doris Caruana, Louis Hili, Carmel Hili, Victoria Borg, Marianna Sultana u Francis Hili.**

**vs**

**Direttur tal-Artijiet**

Il-Bord:

Ra r-rikors promutur  li jghid hekk

Illi l-esponenti huma proprjetarji ta' bicca art gewwa x-Xaghra Ghawdex tal-kejl ta' mija u tmien (108) metri kwadru li tmiss min-Nofsinhar ma' proprjeta ta' Carmelo Hili, ta' E. Azzopardi u ohrajn, mill-Lvant ma'proprjeta' ta' Carmelo Hili, u mill-Punent ma' triq pubblika jew irjieh verjuri;

Illi fis-sitta u ghoxrin (26) ta’ April 2006 permezz ta’ Avviz tal-Gvern numru 355 ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern, l-esponenti gew infurmati illi l-art hawn fuq imsemmija kienet mehtiega mill-awtorita’ kompetenti ghal skop pubbliku skond id-disposizzjonijiet ta’ l-Ordinanza dwar l-Akkwist tal-Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap 88 tal-Ligijiet ta’ Malta) u li l-akkwist kellu jkun b’xiri assolut;

Illi l-kumpens offrut fl-imsemmi avviz numru 355 ghal dan ix-xiri assolut huwa ta’ sitt elef seba’ mija u tmenin lira Maltin (Lm6,780), liema ammont gie notifikat lill-esponenti permezz t’ittra ufficjali spedita lilhom fis-27 t’April 2007;

Illi l-esponenti jhossu illi tali kumpens huwa wiehed baxx hafna u ghalhekk qeghdin ai termini tal-artikolu 22 (6) tal-Kap 88 tal-Ligijiet ta’ Malta, jikkontestaw l-ammont tal-kumpens offrut lilhom;

Illi fl-opinjoni tal-esponenti u skond stima maghmula ex parte mill-AIC Karmenu Borg (esebita flimkien ma’ dan ir-rikors bhala Dok ‘A’ il-valur tal-art de quo huwa meqjus u stimat fl-ammont ta’ tlieta u ghoxrin elf lira Maltin (Lm23,000)

Ghaldaqstant, l-esponenti jikkontestaw l-kumpens offrut lilhom fl-Avviz 441 ta’ sitt elef seba’ mija u tmenin Lira Maltija (Lm6,780), u jitolbu li l-kumpens xieraq ghall-art de quo fl-ammont ta’ tlieta u ghoxrin elf lira Maltin (23,000) flimkien mad-danni skond il-ligi;

Bl-ispejjes;

Ra r-risposta tal-intimat Direttur tal-Artijiet li tghid:

Illi l-esponent gie notifikat bir-rikors datat 17 ta’ Mejju 2007 fl-ismijiet fuq imsemmija fejn ir-rikorrenti oggezzjonaw ghall-valur offrut lilhom mill-awtorita kompetenti ta’ sitt elef seba’ mija u tmenin Lira Maltin (Lm6,780) hmistax-il elf, seba’ mija u tlieta u disghin Euro u hmistax-il centezmu (€15,793.15) ghax-xiri assolut bhala libera u franka ta’ bicca art gewwa Xaghra Ghawdex, tal-kejl ta’ madwar mija u tmien (108) metru kwadru liema art giet

espproprijata permezz ta' Avviz tal-Gvern numru 355 ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern tas-26 ta' April 2006

Illi r-rikorrenti qeghdin jippretendu li l-kumpens gust li ghandu jithallas lilhom ghal din il-bicca art ghandu jkun ta' ghandu jkun ta' tlieta u ghoxrin elf lira Maltija (Lm23,000) tlieta u hmasin elf hames mijja u hamsa u sebghin Euro u disgha u hamsin centezmu (€53,575.59);

Illi l-esponent qieghed jibqa' isostni l-valur gust ghall-art fuq imsemmija ghandu jkun ta' sitt elef seba' mija u tmenin Lira Maltin (Lm6,780) hmistax-il elf, seba' mija u tlieta u disghin Euro u hmistax-il centezmu (€15,793.15) hekk kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza, li huwa dak l-ammont illi qed jigi msemmi fl-avviz fuq citat, liema valur gie stabillit mill-Perit Frederick H. Valentino A&CE li kklasifika l-art bhala fabbrikabbli ai termini tal-Kap 88 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant l-esponent qieghed jitlob li dan l-Onorabbli Bord joghgbu jiffissa l-ammont ta' sitt elef seba' mija u tmenin Lira Maltin (Lm6,780) hmistax-il elf, seba' mija u tlieta u disghin Euro u hmistax-il centezmu (€15,793.15) bhala l-kumpens gust illi ghandu jithallas lir-rikorrenti ghall-esproprijazzjoni tal-art fuq imsemmija.

Semgha x-xhieda bil-gurament;

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Ikkunsidra:

Illi dan ir-rikors kien promoss mis-socjeta' rikorrenti wara li deherilha li l-valur offert mill-intimat ghall-espropju tal-fond kien baxx wisq biex ikun minnha accettat tenut kont tal-fatt illi art li tinsab proprju faccata ta' dik esproprijata kellha valur ferm akbar skond kopja a' kuntratti notarili esebiti mill-istess socjeta' rikorrenti. L-istima tal-perit *ex parte* tas-socjeta' rikorrenti fil-fatt tiddikjara l-valur ta' Lm23,000 [ekwivalenti ghal €53,575.59 bhala l-kumpens li ghandu jinghata lill-klijent tieghu;

Illi l-periti membri li jikkomponu dan il-Bord, wara li hadu konjizzjoni tal-fatti, xhieda u dokumenti kollha mressqa, kkonkludew, skond ir-rapport taghhom akkluz u formanti parti minn din is-sentenza, illi l-valur gust ta' dan il-fond ghandu jkun iffissat fis-somma ta' mija tmienja u ghoxrin elf, mija u hmistax-il Euro u erba u hamsin centezmu (€ 128,115.54);

Il-Bord ghalhekk, a bazi tad-decizjoni unanima tal-periti membri, kif ukoll in linea mal-gurisprudenza tal-Qrati taghna illi dan il-Bord jista' jikkumpensa lill-esproprijat b'valur in eccess ta' dak minnu mitlub, qed jilqa' talba tas-socjeta' rikorrenti u qed jiffissa l-kumpens xieraq dovut lilha  ghat-trasferiment b'xiri assolut bhala liberu u frank tal-bicca art agrikola gewwa x-Xaghra Ghawdex tal-kejl ta' mija u tmien (108) metri kwadru li tmiss min-Nofsinhar ma' proprjeta ta' Carmelo Hili, ta' E. Azzopardi u ohrajn, mill-Lvant ma'proprjeta' ta' Carmelo Hili, u mill-Punent ma' triq pubblika jew irjieh verjuri fl-ammont ta' mija tmienja u ghoxrin elf, mija u hmistax-il Euro u erba u hamsin centezmu (€128,115.54) oltre l-imghax legali ai termini tal-artikolu 12(3) tal-Kap 88.

L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------